MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 531/2006

**Salvatore Vella (ID 813848 M)**

**Vs**

**Ivan Cachia**
**(ID 451077 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta` Gunju, 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur, is-somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira, hamsa u tmenin centezmu (Lm565.85) illum ekwivalenti ghal Euros1,318.08, rapprezentanti valur ta` danni kawzati lill-attur f'incident li sehh fi Triq il-Principessa Margerita, Ta Xbiex, nhar il-10 ta` Mejju, 2005, liema somma tinkludi spejjez medici, telf ta` xoghol u danni ohra kagunati kif ser jigi ppruvat waqt l-ismiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 2 ta` Jannar, 2006, (Dok A) u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-incident kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 28 ta` Lulju, 2006, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens li jafferma li huwa ma kienx responsabbli ghall-allegat incident u kif ukoll illi l-ammont pretiz huwa ezagerat. Giet kontestata wkoll it-talba kif kontenuta ghal hlas ta` imghaxijiet stante li si tratta ta` kwistjoni civili.

Bl-ispejjez kontra l-attur u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lill-istess konvenut.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna allegat incident fejn l-attur jafferma li sofra griehi fuq gismu li zammewh lura minn xogholu per konsegwenza ta` aggressjoni da parti tal-konvenut.

L-attur xehed illi fl-10 ta` Mejju, 2005, il-konvenut dahal go fih minn wara f'incident stradali u meta z-zewg xufiera nizlu mill-vetturi rispettivi taghhom inhala paroli bejniethom dwar min kien ser isejjah ghal warden u min kien ser jimla` l-bumper to bumper form. Wara dan l-iskambju ta` diskors, l-attur ipponta biex jidhol go hanut tal-videos fil-vicinanzi tal-habta u hekk kif kien ser jitla` z-zewg targiet tal-hanut, huwa jallega li gie l-konvenut minn wara, imbuttah u spicca waqa` ma` l-art. Huwa wegga` f'dirghjah ix-xellugija. Meta qam u hareg barra mill-hanut innota li l-konvenut dahal fil-vettura tieghu u saq 'l hinn. Aktar tard irritorna ma` pulizija fuq il-post ta` l-incident u wara li kellem lit-tnejn, l-attur mar jiddewwa l-polyclinic. Skond l-attur it-tabib tal-familja, Dr Saliba tah parir sabiex ma jattendix ghax-xoghol ghal tliet gimghat. L-attur ighid li

huwa jahdem ghal rasu bhala kuntrattur tal-bini u kif ukoll bhala xufier u ghandu n-nies jahdmu mieghu pero` aktar tard ighid li huwa fil-fatt iqabbad lil terzi b'subappalt.

L-attur ipprezenta tliet formoli sabiex jibbenefika ghal beneficcju tal-mard immarkati Dok. SV6 sa Dok. SV8 li skond hu jindikaw li awtorizzawh ma jersaqx ghax-xoghol bejn il-11 ta` Mejju, sad-29 ta` Mejju, 2005. Ipprezenta certifikati medici ohra li jindikaw il-qaghda ta` sahtu mmarkati Dok. SV1 sa Dok. SV5. Ipprezenta wkoll diversi ricevuti ta` dak li nefaq Dok. SV 9 sa Dok. SV 11, b'kollox ammontanti ghal Lm54.85 u rendikonti tas-snin 2003 sa 2005 fejn jindikaw kalkolu ta` telf ghal tliet gimghat fl-ammont ta` Lm611.90.

Omar Psaila jikkonferma li l-konvenut kien imbotta lill-attur bil-konsegwenza li dan ta` l-ahhar spicca ma` l-art fil-hanut fejn kien qieghed dan ix-xhud. Jikkonferma wkoll li in segwitu il-konvenut telaq minn fuq il-post. Griehi fuq l-attur rahom kemm fuq idejh u kif ukoll fuq saqajh.

Il-konvenut xehed illi wara l-impatt huwa xtaq li jimla` l-formola bumper to bumper pero` l-attur ma riedx anzi beda jkellmu hazin. Huwa jinnega li mbotta lill-attur u jispjega l-incident billi jirrakkonta li l-attur "dar f'salt biex jidhol fil-hanut tal-mobiles u tfixkel f'ghatba tal-hanut. Jiena rajtu qisu ha jaqa` u ma jaqax pero` nghid li ma rajtux jaqa` ghal kollox". In kontro ezami jghid li ma tax kaz xi gralu l-attur wara li tfixkel fl-ghatba u lanqas ma` jaf jekk waqax ma` l-art jew le peress illi skond hu hekk kif rah jitgerbeb u sejjer jaqa` u ma jaqax huwa b'kumbinazzjoni dahar 'l hinn u rehilha lejn l-ghassa. Ma ghandniex xi nghid din il-verzjoni tal-konvenut ma nizlet xejn tajjeb mat-Tribunal bhala xi wahda kredibbli u dana kemm mir-rakkont innifsu u kif ukoll mill-komportament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda li ma kienet konvincenti xejn u halla hafna dubbju fuq dak li kien qed ighid u dana nonostante l-fatt li l-konvenut ipprova jsib korroborazzjoni tramite x-xhieda moghtija minn Raymond Micallef li qal "illi x-xufier l-iehor immarka ghal hanut u mar jigri, harab jigri u kif rajtu hekk jigri ghal go dan il-hanut rajtu jidgerbeb u waqa` ma` l-art fuq l-ghatba ta` dan il-hanut". Ma jaghmilx

sens u assolutament ma kien hemm ebda raguni il-ghala l-attur kien jehtieg li jaghmel *sprint* ghal gol-hanut sabiex jitgerbeb ma` l-ghatba.

Illi daqskemm it-Tribunal jinsab konvint li l-attur wegga` per konsegwenza diretta ta` l-agir aggressiv da parti tal-konvenut daqstant iehor, it-Tribunal jnsab konvint li fl-ewwel lok, l-attur tassew naqas li jipprova jimminimizza d-danni kemm hu possibbli u dana skond kif huwa obbligat li jaghmel civilment u fit-tieni lok u ghal kuntrarju qed jipprova jaghmel kapital shih minn dak li gralu. Per ezempju, t-Tribunal jinsab konvint li l-attur ma setax ikun f'qaghda tassew hazina li minhabba fiha ma setax jahdem. It-Tribunal ma hux konvint li l-griehi li garrab l-attur kienu tali li ma setax jahdem. Difatti ebda certifikat mediku ma gie konfermat jew elaborat fuqu mill-professjonisti li rrilaxxjawh. Ghalhekk huwa sejjer ighaddi biex jillikwida d-danni sofferti mill-attur *arbitrio buon viri* u mhux kif qed jippretendi l-istess attur ghal kemm allegatament dam nieqes minn fuq ix-xoghol. Dawn ghalhekk qed jigu likwidati fl-ammont ta` tliet mija u hamsa u sebghin Euro (Euros375.00) li jirrapprezentaw bejn wiehed u iehor refuzjoni ta` l-ispejjez medici inkorsi u kumpens ghal telf ta` tliet ijiem xoghol.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut jilqa` pero` t-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenut u kwindi ghalhekk jilqa` t-talba attrici billi filwaqt li jigi dikjarat li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni sofferti mill-attur per konsegwenza diretta ta` l-istess incident, jillikwida d-danni sofferti kif fuq spjegat fl-ammont ta` Euros375.00 u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati fis-somma ta` Euros375.00, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------